Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,994, 29 ta' Settembru, 2000
Taqsima B

A.L. 197 ta' l-2000

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12.)

Regolamenti ta' l-2000 li jemendaw l-Iskeda A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 1004 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2000 li jemendaw l-Iskeda A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Emenda Nru.2), u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda ma' l-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Iskeda A".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Ottubru, 2000.

Jemenda t-Tariffa A ta' l-Iskeda A.

2. It-Tariffa A ta' l-Iskeda A għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu 2(4) għandu jidħol dan li ġej:

"(4) F'kawżi dwar separazzjoni personali, manteniment, filjazzjoni, paternità, sekwestru jew kustodja ta' minuri, li għandhom x'jaqsmu ma' l-istat ċivili ta' persuna, li għandhom x'jaqsmu ma' drittijiet tal-bniedem, jew li għandhom x'jaqsmu ma' l-elezzjonijiet ġenerali, u f'kawżi li jirrigwardaw ħsara personali, talbiet għall-ħlas ta' pagi jew talbiet għal terminazzjoni inġusta ta' impieg, kawżi ta' spoll li fihom jiġi mitlub li jsiru xogħlijiet taħt is-superviżjoni tal-Qorti, d-drittijiet imsemmija f'dan il-paragrafu ma japplikawx iżda jitħallas dritt ta' darba ta'..... Lm 50";

(b) minflok il-paragrafu 3(1)(b) għandu jidħol dan li ġej:

"(b) F'kawżi li għandhom x'jaqsmu mad-diviżjoni ta' proprjetà, kemm *inter vivos* kif ukoll *causa mortis*, u indipendentement jekk id-diviżjoni nnifisha tiġix mitluba jew le, u f'kawżi li għandhom x'jaqsmu mas-suċċessjoni, l-attur jista', flimkien mat-talba tiegħu, jissottometti lista tal-proprjetà li tagħha tkun qed tintalab id-diviżjoni jew li tkun involuta fis-suċċessjoni, flimkien ma' dikjarazzjoni ffirmata u maħlufa minn perit arkitett f'każ ta' beni immobbli u minn stimatur kompetenti f'każ ta' beni mobbli, li jiċċertifikaw il-valur ta' dik il-proprjetà, u l-valur jiġi intaxxat skond l-ammont totali ta' dik l-istima:

Iżda f'ebda każ id-dritt intaxxat ma għandu jkun inqas minn ..... Lm 250";

(ċ) minflok il-paragrafu 5 għandu jidħol dan li ġej:

"5 (1) Għal kull notifika ta' att tal-proċedura inkluż l-ispejjeż li jsiru fl-eżekuzzjoni ta' dik in-notifika, ikunu dovutu dawn id-drittijiet li ġejjin:

(i) dritt tar-reġistru ..... Lm 2.50

(ii) dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv li jeżegwixxi n-notifika ..... Lm 0.50

Iżda jekk in-notifika għandha ssir barra mill-ħinijiet normali tax-xogħol, id-drittijiet imsemmija f'dan il-paragrafu għandhom jiżdiedu b'100%.

(2) Mingħajr ħsara għal kull ħaġa li hemm f'din it-Tariffa, jekk in-notifika ta' xi att għandha tiġi eżegwita personalment minn uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti, f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tippermetti li n-notifika ssir mod ieħor, ikunu dovuti għal kull notifika dawn id-drittijiet addizzjonali li ġejjin:

(i) dritt tar-reġistru ..... Lm 20

(ii) dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv li jeżegwixxi n-notifika ..... Lm 3

(3) Id-drittijiet stabbiliti fis-subparagrafu (2) ma japplikawx meta n-notifika għandha ssir personalment minn uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti skond xi liġi, u f'dawn il-każijiet stabbiliti fis-subparagrafu (1) ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw.";

(d) minflok il-paragrafu 9(2) għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-Qorti tista' wkoll, fis-sentenza tagħha, tirreferi lill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja lill-avukat ta' l-attur jew tal-konvenut, jekk il-Qorti jidhrilha li l-avukat kien responsabbli, totalment jew parzjalment, għall-att tal-proċedura fieragħ jew vessatorju, jew biex itawwal il-proċeduri.

Ma jkunx hemm ebda appell mid-deċiżjoni tal-Qorti.";

(e) fl-aħħar tal-paragrafu 11, minnufih wara l-aħħar proviso tiegħu, għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

" Iżda wkoll persuna li taġixxi bħala mandatarju ta' persuna oħra f'kawża għandha, jekk tirrinunzja għall-mandata tagħha mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru, 2000, tkun suġġetta għal drittijiet kalkolati skond din it-Tariffa kif fis-seħħ fit-30 ta' Settembru, 2000.".

Jemenda t-Tariffa B ta' l-Iskeda A.

3. It-Tariffa B ta' l-Iskeda A għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu 1 għandu jidħol dan li ġej:

"1 Għall-preżentata ta' kull ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju, iżda eskluż d-drittijiet għal xi notifika meħtieġa ..... Lm 10";

Iżda meta l-ittra uffiċjali jew il-protest ġudizzjarju jkunu meħtieġa bil-liġi, d-dritt għandu jkun ta' ..... Lm 2.50

eskluż d-drittijiet dovuti għan-notifika ta' l-istess.";

(b) minflok il-paragrafu 4 għandu jidħol dan li ġej:

"4 Għat-twaħħil tas-siġill tal-Qorti, meta dan hu meħtieġ mil-liġi jew ordnat mill-Qorti ..... Lm 10

Iżda ma jkun dovut ebda dritt meta s-siġill ikun meħtieġ fuq xi att ġudizzjarju.";

(ċ) minflok il-paragrafu 5 għandu jidħol dan li ġej:

"5 Għal kull kopja, awtentikata jew le, għal kull paġna ..... Lm 0.50

Iżda ma jkun dovut ebda dritt meta l-kopji jiġu provduti mill-persuna li tippreżenta l-att oriġinali, jew meta l-kopji huma mitluba minn ordni tal-Qorti għall-għanijiet ta' notifika.";

(d) minflok il-paragrafu 7 għandu jidħol dan li ġej:

"7 Għal kull riċerka fl-arkivji tal-Qorti, għal kull kawża individwali ..... Lm 2

u għal kull kopja tagħha, kemm awtentikata jew le, għal kull paġna ... Lm 0.20";

(e) minflok il-paragrafu 9 għandu jidħol dan li ġej:

"9 Għad-depożitu ta' flus fil-Qorti, għal kull ċedola ta' depożitu jew ta' tpaċija, jiġi intaxxat dritt ekwivalenti għal 2%

tal-flus li għandhom jiġu depożitati bħala tpaċija jew irkupru konvenzjonali, iżda dan id-dritt ma jinkludix in-notifika taċ-ċedola lil terzi persuni msemmija fiċ-ċedola, u sakemm f'ebda każ dan id-dritt ma għandu jkun inqas minn ..... Lm 10

Iżda meta dan id-depożitu jew skeda ta' depożitu huma meħtieġa bil-liġi, għandu jitħallas dritta ta' Lm10 minflok id-dritt ta' 2%";

(f) minflok il-paragrafu 13 għandu jidħol dan li ġej:

"13 (1) Għal kull notifika ta' att tal-proċedura, inkluż l-ispejjeż li jsiru għall-eżekuzzjoni ta' dik in-notifika, jkunu dovuti d-drittijiet li ġejjin:

(i) dritt tar-reġistru ..... Lm 2.50

(ii) dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv li jeżegwixxi n-notifika ..... Lm 0.50

Iżda jekk in-notifika għandha ssir barra mill-ħinijiet normali tax-xogħol, id-drittijiet imsemmija f'dan il-paragrafu għandhom jiżdiedu b'100%.

(2) Minkejja kull ħaġa li hemm f'din it-Tariffa, jekk in-notifika ta' xi att għandha tiġi eżegwita personalment minn uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti, f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tippermetti li n-notifika ssir mod ieħor, ikunu dovuti għal kull notifika d-drittijiet addizzjonali li ġejjin:

(i) dritt tar-reġistru ..... Lm 20

(ii) dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv li jeżegwixxi n-notifika ..... Lm 3

(3) Id-drittijiet stabbiliti fis-subparagrafu (2) ma japplikawx meta n-notifika għandha ssir personalment minn uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti skond xi liġi, u f'dawn il-każijiet stabbiliti fis-subparagrafu (1) ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw.".

Jemenda t-Tariffa Ċ ta' l-Iskeda A.

4. Minflok il-paragrafu 11 tat-Tariffa Ċ ta' l-Iskeda A għandu-jidħol dan li ġej:

"11 (1) Għal kull notifika ta' att tal-proċedura, inklużi l-ispejjeż li jsiru għall-eżekuzzjoni ta' dik in-notifika, jiġu intaxxati d-drittijiet li ġejjin:

(i) dritt tar-reġistru ..... Lm 1.50

(ii) dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv li jeżegwixxi n-notifika ..... Lm 0.50

(2) Minkejja kull ħaġa li hemm f'din it-Tariffa, jekk in-notifika ta' xi att għandha tiġi eżegwita personalment minn uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti, f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tippermetti li n-notifika ssir mod ieħor, ikunu dovuti għal kull notifika dawn id-drittijiet addizzjonali li ġejjin:

(i) dritt tar-reġistru ..... Lm 10

(ii) dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv li jeżegwixxi n-notifika ..... Lm 2

(3) Id-drittijiet stabbiliti fis-subparagrafu (2) ma japplikawx meta n-notifika għandha ssir personalment minn uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti skond xi liġi, u f'dawn il-każijiet stabbiliti fis-subparagrafu (1) ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw.".

Jemenda t-Tariffa D ta' l-Iskeda A.

5. It-Tariffa D ta' l-Iskeda A għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu 5(2) għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Id-drittijiet dovuti skond is-subparagrafu (1) għandhom jinkludu is-servizzi, drittijiet u spejjeż kollha meħtieġa sa ma jsir il-bejgħ fl-irkant innifsu, minbarra d-drittijiet dovuti għan-notifika ta' kull att ġudizzjarju, liema drittijiet għandhom jiġu ntaxxati separatament.";

(b) minflok il-paragrafu 9 għandu jidħol dan li ġej:

"9 Għal kull notifika, mhux digà msemmija f'din it-Tariffa, ta' att tal-proċedura, inklużi l-ispejjeż li jsiru għall-eżekuzzjoni ta' dik in-notifika, ikunu dovuti d-drittijiet li ġejjin:

(i) dritt tar-reġistru ..... Lm 2.50

(ii) dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv li jeżegwixxi n-notifika ..... Lm 1.00

Iżda jekk in-notifika għandha ssir barra mill-ħinijiet normali tax-xogħol, id-drittijiet imsemmija f'dan il-paragrafu għandhom jiżdiedu b'100%.";